MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 89/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta’ Frar 2007 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu f’Malta fl-14 ta’ Marzu, 1982;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti għandhom żewġt itfal D, li twieldet fit-23 ta’ Novembru, 1982 u C li twieled fl-14 ta’ Ottubru, 1991 illi għalhekk C huwa minorenni;

3. Illi l-konvenut irrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' eċċessi, sevizzi, inġurji gravi, swat u moħqrija b'mod li rrenda l-ħajja konjugali ta' bejniethom impossibbli u peress illi l-ħajja matrimonjali bejn l-attriċi u l-konvenut tkissret irrimedjabbilment;

4. Illi l-attriċi kellha titlaq mid-dar matrimonjali minħabba l-ħajja insapportabbli li kien qiegħed jgħaddiha minnha l-konvenut;

5. Illi l-attriċi ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja sabiex tistitwixxi din il-kawża (Dok A);

6. Illi minkejja diversi tentattivi għal soluzzjoni bonarja bejn il-kontendenti, din is-soluzzjoni bonarja qatt ma seħħet;

7. Illi kien minħabba f'hekk illi hija kellha tagħmel dawn il-proċeduri.

8. Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attriċi titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjuġi B, għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta' eċċessi, sevizzi, inġurji gravi, swat u moħqrija kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabbilment u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun kunsidrat li minnha kien ħati tal-firda.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Joseph f'idejn l-attriċi bi dritt ta' aċċess favur il-konvenut;

3. Tordna lill-konvenut sabiex imantni lill-attriċi u lill-minuri C B u għal dan l-iskop tiffissa retta alimentarja għaliha u għal imsemmi minuri u tordna lill-konvenut sabiex iħallasha dik ir-retta alimentari hekk stabbilita,

b'dawk il-modalitajiet kollha nkluż li l-pagament isir permezz ta' *standing order* li l-konvenut għandu jiġi ordnat li jagħmel a favur tal-attriċi, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tiġi nkrementata perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-konvenut jiġi kkunsidrat li jkun ħati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tal-attriċi skond il-liġi u billi l-konvenut jiġi ddikjarat unikament u esklussivament responsabbli għad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti minn dik id-data, kif ukoll għal kull dejn ieħor assunt in *mala fede*, u billi l-attriċi tiġi akkreditata b'sehemha spettanti mir-rikavat ta' beni appartenenti lill-komunjoni ġja' mibjugħa f'każ li l-konvenut ma jagħtix rendikont sodisfaċjenti ta' tali rikavat, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48 u / jew 51 sa 55A tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 1984 Ed. tal-Liġijiet ta' Malta);

6. Tawtorizża lill-attriċi sabiex tabita fid-dar matrimonjali _ *omissis* _ ad esklużjoni tal-konvenut;

7. Tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attriċi fi żmien qasir u perentroju li jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oġġetti kollha dotali u parafernali tal-istess attriċi u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi l-valur tagħhom hekk kif jiġu likwidat okkorrendo bl-opera ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fil-21 ta' Mejju 2007, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi huwa ma jopponiex għas-separazzjoni personali li għandha tingħata għar-raġunijiet unikament imputabbli lill-attriċi minħabba eċċessi, sevizzi, inġurji gravi, swat, moħqrija anki fil-konfront tat-tfal komuni, abbandun li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment.

2. Illi l-partijiet kienu żżewġu fl-14 ta' Marzu 1982 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal: D li għandha 23 sena u hija ggradwata mill-Universita' ta' Malta fil-B.Educ, u C (Jnr) li għandu 14-il sena u jattendi l-Form III ta' _ *omissis* _. Illi huma rabbew familja b'ħafna sagrifiċji: l-esponent huwa *full-time farmer* u martu A hija mara tad-dar li tgħin ukoll lil żewġha. Illi fil-ħajja matrimonjali nqalgħu xi differenzi bejniethom u skambjaw lejn xulxin kliem offensiv. L-attriċi kienet ġia telqet mid-dar xi 6/7 darbiet oħra qabel ma kienet telqet definittivament f'Lulju 2005 – prattikament għal kull darba li kien jinqala' litiġjuż għir bi kliem. It-tfal għażlu minn rajhomli jibqgħu jgħixu ma' missierhom fid-dar matrimonjali, li hija proprjeta' parafernali tal-esponenti tal-esponent. L-attriċi marret tgħix ma' missierha.

3. Illi t-talba għall-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Joseph (Jnr) għandha tiġi miċħuda. L-attriċi kienet aggressiva f'diversi inċidenti mat-tifel u issa ħolqot barriera bejnha u bejn l-imsemmi binha. It-tifel jinsab kuntent jabita ma' missieru u ma' oħtu D, u ma jistax jifhem kif l-attriċi ommu issa qed turi nteress fih. Marvic Muscat fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ kienet ħejjiet Rapport fuq din is-sitwazzjoni (Ara Dok "JA1" hawn unit).

4. Illi għar-rigward it-tielet talba attriċi hija għandha tagħmel almenu l-minimu sforz sabiex tgħin lilha nnifisha. Fi kwalunkwe każ l-esponent qed jissoministra lil martu manteniment mensili ta' Lm133 u hi tirċievi ukoll assistenza soċjali. Barra minn hekk l-attriċi li tabita fid-dar ta' missierha tgħid li missierha qed jagħtiha l-pensjoni tiegħu ta' xi Lm280 fix-xahar u żżommu biha. Illi min-naħa

l-oħra l-esponent irid jipprovdi għalih u għaż-żewġ uliedu u jħallas il-kontijiet kollha hu. Illi l-attriċi stess tgħid illi kieku ma hemmx omm l-esponent li tgħinhom bil-pensjoni tagħha (omm l-esponent tgħix magħhom fid-dar matrimonjali) kieku ma jgħaddux.

5. Illi l-esponent lanqas jopponi għax-xoljiment u likwidazzjoni tal-Kommunjoni tal-Akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu, b'dana pero' li l-attriċi bħala l-ħatja tal-firda għandhom jiġu applikati kontra tagħha d-dispożizzjonijiet relattivi fosthom l-Artikoli 48 u 49 tal-Kodiċi Ċivili u salv li l-partijiet jieħdu l-proprjeta' parafernali tagħhom li għandha tiġi distinta mill-Komunjoni tal-Akkwisti. Illi l-partijiet kienu ġja' nkarigaw lil Perit Mario Cassar biex jagħmel stima tal-ispejjeż li ntefqu matul iż-żwieġ fil-proprjeta' parafernali tal-esponent iżda l-attriċi rrifjutat bla ebda raġuni valida li taċċetta dan ir-rapport (Dok "JA2) hawn unit).

6. Illi s-sitt talba attriċi għandha ukoll tiġi miċħuda għax hija bla ebda fundament legali konsiderando ukoll li d-dar matrimonjali, li fiha baqgħu jgħixu l-esponent u uliedu, hija proprjeta' tal-esponent.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Novembru 2007 fejn ġiet nominata l-Avukat Dottoressa Elena Naudi Depasquale bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma l-istess Assistent Ġudizzjarju;

Semgħet ix-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Zammit nominat biex jirrelata dwar il-konsistenza ta’ parti mill-assi tal-partijiet u senjatament il-vetturi tal-partijiet;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha fosthom dawk rigwardanti manteniment pagabbli lill-attriċi;

Rat id-digriet tal-1 ta’ Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-kawza tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja’ ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta’ xulxin. Hawnhekk għandu jingħad li t-tifel iż-żgħir li kellhom il-partijiet miż-żwieġ issa ukoll huwa maġġorenni u allura l-Qorti m’għandhiex deċiżjonijiet x’tieħu fir-rigward filwaqt li t-tifla issa għandha sbatax-il sena u għalhekk anke jekk għadha minuri ma hemmx wisq x’wieħed jintilef fir-rigward tal-kura u kustodja u aċċess fir-rigward taghha.

**TORT**

Illi kif ġja’ ngħad il-partijiet iwaħħlu f’xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut uża vjolenza fuqha diversi drabi u din il-vjolenza kienet kemm fiżika. Il-Qorti ma tifhimx kif il-partijiet damu daqstant jgħixu flimkien għaliex ma jittwemminx li fis-seklu 21 miżżewġin jgħixu flimkien ma’ omm ir-raġel u ħabiba antika tal-familja, ċerta F. Jidher li l-partijiet lanqas ma kienu jorqdu fl-istess sodda u l-konvenut kien jorqod mat-tifel u l-attriċi mat-tifla. Skond l-attriċi, meta l-konvenut *“kien ikollu l-aptit”* kienu jmorru fil-garaxx fil-karozza!

Illi l-Qorti se tirriproduċi partijiet min-noti ta’ sottomissjonijiet li jispjegaw tajjeb il-pożizzjoni tal-partijiet;

*“iii. Il-ħajja matrimonjali bejn il-kontendenti ma tidhirx li kienet xi waħda feliċi ħafna, l-għaliex anke skond ma jirriżulta mir-risposta maħlufa tal-intimat minnu ntavolata fil-21 ta’ Mejju, 2007 (fol. 24), ir-rikorrenti kienet telqet madwar sitta (6) jew seba’ (7) darbiet qabel ma telqet definittivament mid-dar matrimonjali f’Lulju, 2005.*

*iv. Ir-raġuni għal dan ir-ritorn, apparti li hija dejjem ippruvat tirrikonċilja ma’ żewġha, kien minħabba l-fatt li żewġha dejjem żamm il-poter finanzjarju f’idejh. L-intimat huwa full-time farmer u jaħdem il-fuq minn 50 tomna raba’. Id-dhul dejjem kien jinġabar mill-intimat, anke meta r-rikorrenti kienet tqatta’ siegħat sħaħ taħt ix-xemx fis-suq tbiegħ il-prodott tagħhom lill-pubbliku.*

*v. Il-ħajja tal-kontendenti ma kienitx xi waħda faċli u r-rikorrenti kienet b’mod ġornaljier, tmur titma’ lit-tiġieġ u lill-annimali l-oħra li kienu jrabbu, tgħin lil żewġha fiż-żriegħ tal-prodott, issuq tractors, issaqqi u wara li tlesti minn ġurnata fuq il-farm, kienet tmur id-dar, tibda tnaddaf, taħsel il-ħwejjeġ, issajjar l-ikel u tagħmel il-faċendi tad-dar.*

*vi. Apparti dan, fir-residenza matrimonjali tal-partijiet kienu jgħixu ukoll għal numru twal ta’ snin, omm l-intimat u ħabiba tal-familja Gaetana Vella. Dawn kienu jagħmlu minn kollox biex jirrendu l-ħajja konjugali tal-partijiet, speċjalment tar-rikorrenti mpossibbli. Kienu jindaħħlu ta’ spiss f’dak li setgħet tagħmel u ma tagħmilx fid-dar konjugali. Kien ikollha titlobhom permess biex taħsel l-art, jew biex tiftaħ ftit it-twieqi biex tkun tista tidħol żiffa. Oltre dan, żewġha l-intimat kien għamel snin sħaħ jorqod fl-istess kamra ma’ ommu u dan tul il-konvivenza matrimonjali tagħhom. Dan ovvjament kien jikkawża dulur kbir lir-rikorrenti li qatt ma setgħet torqod ma’ żewġha.*

*vii. Sadanittant, l-intimat kien jeżerċita d-dominanza tiegħu fuqha billi ma kienx iħalliha tiltaqa’ mal-familjari tagħha u jibgħata biss għax-xogħol u kien jinsisti li hija tirritorna lura mal-ewwel. Mhux darba jew tnejn li huwa kien imur fejn hi kienet tkun qegħda tbiegħ il-prodotti u jieħu l-flus kollha li hi kien ikollha mill-bejgħ. L-intimat*

*kien jagħmel minn kollox sabiex inaqqas l-indipendenza tar-rikorrenti u jġibha dipendenti fuqu totalment.*

*viii. Meta hi telqet mid-dar matrimonjali l-għaliex ma kienitx tiflaħ is-sitwazzjoni aktar, kellha tispiċċa tirrikorri għal Qorti sabiex żewġha jiġi ordnat iħallas il-manteniment dovut lilha.*

*ix. Irriżulta ukoll li l-intimata kienet taħdem minn meta kienet għadha tgħix id-dar mal-ġenituri tagħha. Fil-fatt, ir-rappreżentant ta' l-ETC esebiet l-employment history tar-rikorrenti. Minnha jirriżulta li r-rikorrenti kienet bdiet taħdem mid-19 ta' Frar, 1973 mal-_ omissis _. Wara l-ħin tax-xogħol kienet tagħmel bosta xogħlijiet oħra fosthom tahdem f'Home ġewwa l-Furjana u babysitter ma' familja Ingliża ġewwa _ omissis _. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li qabel ma marret taħdem il-_ omissis _, hija għamlet 5 snin taħdem mal-kumpanija _ omissis _ bħala machine operator u imbagħad ħadet promotion għal supervisor fuq l-embroidery. Għalhekk, sakemm waslet biex tiżżewweġ fl-14 ta' Marzu, 1982, hija kienet ilha taħdem żgur għal mhux anqas minn 14-il sena. Wara x-xogħol, hija kienet tibqa sejra l-għalqa ta' missier l-għarus tagħha (illum żewġha) u kienet tgħinhom bla ħlas. Lil żewġha hi saret tafu meta kellha 14-il sena u ta' 16 daħlet għandhom. Damu biex iżżewgu għax kellha 28 sena meta żżewġet lill-intimat. Dwar il-flus parafernali tagħha, hija tgħid li sakemm ġiet biex tiżżewweġ hija kellha tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000) mġemmgħin fuq tnax-il ktieb (Lm1,000 f'kull ktieb). Kienet iddaħħal Lm50 imgħax fuq kull ktieb għax kienu marbutin għal sena. Dawn il-flejjes hija kienet bdiet tagħtihom lil żewġha madwar sena qabel ma żżewġu biex ikun jista jibni l-gaġeġ u l-imħażen. L-intimat kien jirċievi biss Lm1 fil-ġimgħa paga mingħand missieru u għalhekk ma kienx ikollu biżżejjed flus biex jagħmel dawn l-affarijiet. Oltre dan, hi tgħid li qabel ma żżewġitu tagħtu s-somma ta' Lm3,400 biex tixtrilu _ omissis _ kif ukoll Lm300 għal stereo Pioneer u covers tas-seat. B'kollox tgħid li tagħtu Lm4,000. Xtratlu wkoll vann _ omissis _ bil-prezz ta' Lm2,300 u dan peress li l-vann tat-tip _ omissis _ li kellu l-magna fuq ġewwa kien qiegħed jikkawżalu ħsara għal saħtu peress li l-intimat ibagħti mill-asthma. Minn*

*dawn it-Lm12,000, ir-rikorrenti tgħid li kien għad fadlilha Lm500, liema somma għadha fil-bank sal-lum.*

*x. Meta ħarġet tqila, l-intimat kien ta' spiss igħidilha li t-tarbija ma kienetx tiegħu, oltre li kien iħalliha d-dar waħedha mal-ġenituri tiegħu u ma kienx iħalliha tmur għand il-ġenituri tagħha. Saħansitra kien jordnalha sabiex tmur tagħlef it-tiġieġ u terfa' l-ixkejjer mimlijin ġwież waqt li kienet tqila għax hu kien ikun qiegħed fuq barra, jgħid li jkun qiegħed ibiegħ il-prodotti tagħhom, meta fil-verita' mbagħad kien jirritorna lura d-dar fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu. Kien ikun xurban u l-ħin kollu jiġġieled mar-rikorrenti tant li saħansitra kien qiegħed ikun fiżikament vjolenti magħha.*

*xi. Peress li ma kienx qiegħed iħalliha tmur għand il-ġenituri tagħha, huma bdew imorru għandhom. Tiftakar episodju fejn meta kellha tmien xhur u nofs tqala, u wara li kienet marret tagħlef lit-tiġieġ, kemm dawk li kienu jinsabu fil-gaġeġ ta' fuq (u allura kien ikollha titla' bis-sellum) u kemm dawk ta' taħt u tnaddfilhom, marret id-dar għajjiena mejta u ġieha d-demm u l-ilma f'daqqa. Dak il-ħin kien wasal missierha d-dar għandhom u ħadha dritt l-isptar għax żewġha l-intimat ma kienx id-dar. Fl-affidavit tagħha tgħid li "daqs kemm kont tħabbat waqt it-tqala t-tarbija twieldet ta' 8 xhur u nofs tqala" (para 20 ta' l-affidavit tagħha). Meta kienet l-isptar, l-intimat lanqas biss mar jaraha u dam ġurnata biex imur jara lilha u lil binthom. Dan il-fatt, ir-rikorrenti ħassietu ħafna. Peress li bint il-kontendenti twieldet b'idejha ftit ċonga, hija kellha bżonn tagħmel it-terapija. Minħabba f'hekk, ir-rikorrenti u t-tarbija marru jgħixu għand il-ġenituri tar-rikorrenti u l-intimat kien jgħaddi ħdejhom għal ftit ħin qabel ma joħroġ. Kienet ir-rikorrenti u missierha li kienu jieħdu lit-tifla għal fisjoterapija l-Isptar u fi tlett xhur sħaħ, huwa qatt ma ħadha l-Isptar.*

*xii. Waqt it-tieni tqala r-rikorrenti tgħid li l-ħajja matrimonjali marret għal aħjar, għalkemm meta t-tifel kellhu erba' snin reġa' beda l-inkwiet bejniethom.*

*xiii. Saħansitra kien hemm okkażjoni meta hi riedet tmur tara lil ommha, għax kienet ma tiflaħx sewwa, u x'ħin lestiet biex toħroġ, żewġha l-intimat, ommu u l-ħabiba tal-familja tawha xeba' u ma ħallewhiex titlaq tmur tara lil ommha. Dan huwa l-ambjent li r-rikorrenti kellha tgħix fih. L-indħil ta' omm l-intimat tant kien kbir li fid-dar kien isir dak li trid hi u xejn izjed. Kienet saħansitra tindaħal biex it-tifel ma jmurx mużew u meta kienet iġġib xi ħabib tat-tifel id-dar, hi kienet tgħid lill-intimat biex ma jħallix lir-rikorrenti tibqa' ġġib nies id-dar.*

*xiv. Anke għar-rigward tax-xiri ta' l-affarijiet jew għall-indumenti tat-tfal jew tar-rikorrenti. Kien l-intimat li jżomm il-flus f'idejh u kull meta kien ikollha bżonn xi ħaġa, hija kienet tmur mal-intimat biex jixtru ħalli hu jkun jista' jikkontrolla kemm tonfoq. Fl-affidavit tagħha (para. 28) tgħid li "jiena kont nonfoq madwar Lm25 fil-ġimgħa għal sitta min-nies".*

*xv. F'paragrafu 41 tal-affidavit tagħha tgħid li "Kien jiddispjaċini għax kont nara li xogħli mhux stmat minnhom, anke nithen il-ġwież u nqandel l-ixkejjer tal-50 kg kont biex niffrankaw Lm8 f'kull taħlita li nagħmel. Kont noqgħod għal kollox biex ma nismax tgergir. Kien iridni nerfa' kaxxi tal-patata. Kelli dahri juġagħni u miftuqa minn ġewwa, u l-professur qalli għalxejn ser noperak għax terġa' tinfetaq. Kien qalli biex nistrieħ meta nkun muġugħa u hu jgerger iridni nerfa' l-kaxxi. Kien jheddidni li jekk ma nġorrx kaxxi ma jeħodnix inbiegħ fuq il-monti u ma jitmagħhomx it-tfal. Kien iħobb idaħħal lil missieri u jgħidli biex ngħid lil missieri jagħtini l-flus ħalli nitma' lit-tfal. Minflok jiena kont nigdem ilsieni, nibqa' muġugħa u kont immur".*

*xvi. Tgħid ukoll li "Jiena kont inħossni bħal ilsiera u dan peress illi żewġi riedni biss għax-xogħol u sabiex nġiblu l-flus. Xejn iżjed. Lili qatt ma stmani jew trattani bħala martu u bħala persuna ugwali u ndaqs miegħu" (paragrafu 44 ta' l-affidavit tagħha).*

*xvii. Minn dan kollu jirriżulta kemm l-intimat ma kienx jimpurtah mill-ħajja miżżewġa u ried jibqa' jagħmel l-affarijiet kif kien jidhirlu hu. Kien ikun irid lil martu skjava u*

*xejn aktar. Ma kienx ikun iridha toħroġ mid-dar għajr biex tmur tbiegħ is-suq xemx u xita. Dan li jirriżulta mill-provi.*

*xviii. F'paragrafu 50 ta' l-affidavit tagħha tgħid li "Żewġi wasal sal-punt illi l-ikel li kont nagħmillu fuq il-platt kien ibiddlu ma' tat-tifel, u dan fuq parir ta' ommu stess. Hija kienet qaltlu li jiena kont ser nivallenah. It-tifel spiċċa biex beda jissusspetta ħażin f'kollox u kważi ġennewh. Niftakar illi darba kont għamilt belgħa te lit-tifel u hu kien dar fuq missieru u qallu "nixrobha pa?" It-tifel dar fuqhi u staqsieni jekk kontx tfajtlu l-valenu. Missieru qabad u qallu sabiex jixrobha. Kont wasalt f'dan l-istat. Jien iċċassajt għax bdejt inħoss li t-tifel ħa jiffissa u ħa jkun bħalu. Ma flaħtx nitkellem u tajtx kemm bkejt bil-lejl". It-tfal saħansitra lil ommu lanqas kienu jgħidulha Ma iżda kienu jgħajtulha b'isimha. Dan kollu minħabba l-aġir abbużiv tal-intimat.*

*xix. Lir-rikorrenti kien iweġġagħha wkoll meta kien igħidilha "nġiblek ħames Russi hawn u miegħek (b'referenza għar-rikorrenti) ma niġix għax issa xjaħt". Dan id-diskors kien idejjaqha u kien jweġġagħlha qalbha apparti li kien igħidu quddiem it-tfal. L-istess kien jgħidilha quddiem it-tfal li kellha l-aids u dan meta kien jaraha tielgħa mgħawwġa ganġ it-taraġ. Din l-umiljazzjoni kienet issir ta' kuljum (paragrafi 56 u 59 tal-affidavit tagħha)."*

Illi da parti tiegħu n-nota tal-konvenut tgħid:

*"2. Illi l-kontendenti t-tnejn ikkontribwew biex rabbew familja b'ħafna għożża. L-esponent għandu l-unur jgħid li għalkemm mhijux bniedem ta' skola pero' flimkien irnexxielhom b'ħafna għaqal u sagrifiċċji jrabbu familja tajjeb u lil binthom D jagħtuha edukazzjoni universitarja mentri t-tifel iħarġuh fis-sengħa tal-biedja. Dan huwa s-sodisfazzjoni kbir li l-esponent kellu ma' martu l-attriċi u minkejja l-imrar li għaddej minnu tas-separazzjoni l-esponent qatt ma neża ċ-ċurkett tat-tieġ lanqas waqt l-agħar sitwazzjonijiet tal-proċeduri ġudizzjarja. L-esponent huwa persuna li għandhiex vizzji, ma jilgħabhomx, ma*

*jmurx każini, u f'ħajtu kellu mara waħda biss, u ċjoe' l-attrici, li minn dejjem kien u baqa' fidil lejha, ġara li ġara bejniethom. Min-naħa l-oħra, l-attrici hija mara tad-dar li ħadmet bis-sħiħ għall-familja u għenet lil żewġha fix-xogħol tar-raba'. Magħhom kienu jgħixu omm l-esponent (illum mejta) u ħabiba tal-familja, ċerta F, li t-tnejn kienu jikkontribwixxu finanzjarjament għall-bżonnijiet ta' kuljum.*

*3. Illi sfortunatament ġara' li l-familja B kellha tgħaddi mill-esperjenza tas-separazzjoni, esperjenza li kull ma tmur qed tolqot aktar lill-familji Maltin. Il-problemi matrimonjali ta' bejniethom bdew minħabba l-personalita' tal-mara li dejjem riedet f'kull żmien li tgħaddi tagħha, theddida li bdiet meta kienet għadha tqila bl-ewwel tarbija ("jew tagħmel li ngħidlek jew immur għand ommi") u kienet kostanti tull iż-żwieġ matrimonjali tagħhom, u li spiċċat bl-istess theddida li bdiet. Il-problemi kienu għalhekk minħabba nkompatibbilta' ta' karattri u dan wassal għal clashes kemm ma' żewġha, ma' ommu, ma' F, u meta tfarfru t-tfal ma' uliedha stess. Imbagħad daħlet l-għira fis-sens illi waqt li missier l-esponent irregala xi raba' u r-razzett li kienu joqogħdu fih lill-esponent dan ġab aktar diżgwid milli ferħ bl-għira u bl-għawi li kien hemm mill-familja tal-attriċi. Dan u nċidenti oħra (Ara para 28 tal-affidavit tal-konvenut) wassal għall-firda anki mal-familja tal-attriċi, bl-ewwel tal-attriċi stess minn ma' missierha, u wara ntrefgħa wkoll l-esponent.*

*4. Illi meta bdew jitfarfru t-tfal tal-kontendenti l-attriċi bdiet tinfexx b'ħafna argumenti anki magħhom, primarjament mat-tifel C li għax kien ikun irid jiekol aktar hija kienet tirrifjuta li titimgħu. F'okkażjoni minnhom it-tifel qam biex jerġa' jimla l-platt tiegħu mill-borma u l-attrici għamlet għalih b'sikkina u hedditu li xxoqqu biha (ara para 33 tal-affidavit tal-konvenut), inċident dan li jinsab korroborat mit-tifel stess. Illum-il ġurnata ż-żewġt itfal ma jkellmux lil ommhom l-attriċi ċertament mhux għax l-esponent kellu xi parti f'din iżda minħabba li l-attriċi kienet timxi magħhom b'id tal-ħadid, kienet issawwathom u kienet aggressiva magħhom. Fir-rapport preparat minn Marie Muscat dwar l-aċċess tal-omm għal binha – ara Dok. "JA1" unit mar-Risposta Ġuramentata tal-esponent –*

*din is-social worker irrakkomandat aċċess b'superviżjoni sabiex jiġi aċċertat li l-minuri ma tista' ssirlu l-ebda forma ta' ħsara mill-omm. It-tfal meta kibru rrealiżżaw kemm ommhom kienet irrazzjonali u nġusta fl-inċidenti li kienu jinqalgħu, bl-aħħar wieħed imbagħad meta l-attriċi marret tivvinta qlajja gravi ħafna li rat lill-esponent ħiereġ mit-toilet ma' l-għarusa tat-tifel, qlajja biex mingħaliha dina ser tissepara lil binha minn missieru u li aktar biegħdu lit-tifel minn ommu (ara paġna 16 tax-xhieda ta' A B fis-Seduta tal-24 ta' Marzu 2011)."*

Illi f'dan l-ambitu għalhekk wieħed ma jiskantax li l-partijiet waslu biex jitolbu s-separazzjoni minn xulxin u l-Qorti tagħti ċertament il-biċċa kbira tat-tort lill-konvenut, li jidher li huwa persuna li ma jħobbx joħroġ flus malajr. Kieku kien għaqli ma kienx jibqa' jgħix b'din il-manjiera mal-familja l-aktar prossima tiegħu, u kien messu dabbar rasu flimkien ma' familtu – ċjoe' ma' martu u wliedu u mhux jibqa' jgħix ukoll ma' ommu u persuna barranija.

Illi kien għalhekk illi kif qalet il-Qorti f'kawża deċiża fit-13 ta' Ġunju 1967 illi l-partijiet spiċċaw jgħixu *"f''sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita commune".* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla – 13 ta' Ġunju 1967). Madankollu ċertament huwa l-konvenut li bl-atteġġjament tiegħu kien l-iktar responsabbli fir-rigward. Il-Qorti hawnhekk tagħmel aċċenn ukoll fuq id-drabi li l-attriċi kienet kostretta tagħmel rapport lill-Pulizija minħabba l-vjolenza tal-konvenut – kien hemm anke inċident fejn l-attriċi issawtet minn żewġha, ommu u l-imsemmija Vella – u tagħder lill-attriċi illi ppreferiet titlaq mid-dar u marret tgħix f'żewġt ikmamar proprjeta' ta' missierha qabel ma kriet post ieħor biex tgħix fih fil-mori tal-kawża.

**MANTENIMENT**

Illi għandu jingħad illi l-Qorti fl-istadju tal-medjazzjoni kienet tat digriet fejn akkordat manteniment ta' Lm133 għall-attrici; eventwalment ingħataw żewġ digrieti oħra fir-rigward u l-aħħar wieħed, f'Mejju 2011 kien ġie ordnat

ħlas ta’ tlett mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar. Il-Qorti ma jidrilhiex li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jwasslu għal bdil f’dan l-ammont u għalhekk se tikkonfermah.

**PROPRJETA’**

**Beni immobbli**:

Illi d-dar matrimonjali hija proprjeta’ tal-konvenut u ma hemmx proprjetajiet immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Skond rapport datat 27 ta’ Ġunju 2006, imħejji mill-A.I.C. Mario Cassar li ġie nkarigat mill-partijiet, saru pero’ b’kemm jiswew ħamsa u disgħin elf, ħames mija u tlieta u disgħin Ewro u wiehed u tletin ċenteżmu (€95,593.31) xogħlijiet f’din il-proprjeta’, u dawn saru minn flus il-partijiet jew fi żmien li kienu miżżewġin. L-attriċi għalhekk għandha tiġi rimborzata s-somma ta’ sebgħa u erbgħin elf, seba’ mija u sitta u disgħin Ewro u ħamsa u sittin centeżmu (**€47,796. 65**). Fuq dan hemm qbil bejn il-partijiet, l-istess kif jaqblu wkoll li l-attriċi għandha titħallas għaxart elef, tlett mija u sitta u sittin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€**10,366.13)** bħala nofs il-valur tal-vetturi u nġenji li jippossjedi l-konvenut. B’din it-tpaċija naturalment dawn isiru lkoll proprjeta’ tal-konvenut. Il-partijiet jaqblu wkoll li jaqsmu l-kontijiet bankarji u l-flus depożitati taħt l-Awtorita’ tal-Qorti wara mandat ta’ sekwestru.

Illi hemm pero’ kontestazzjoni qawwija bejn il-partijiet rigward flus żbankati mill-kont tal-Bank of Valletta mill-konvenut, liema flus jammontaw b’kollox għal ċirka dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (€19,500) għaliex il-konvenut qed jikkontendi li dawn huma flus li l-attriċi qed tirreklama wkoll taħt il-kappa ta’ ammonti li daħħal hu minn fondi tal-Unjoni Ewropea li jidħlu fl-istess kont. Iż-żmien li fih daħlu l-flus jagħtu raġun lill-konvenut, u għalhekk il-Qorti se tordna ħlas ta’ elf u sitt mitt Ewro (**€1,600)** minn dan il-kont, u ċjoe’ nofs id-differenza bejn il-flus żbankati u l-flus li daħħal minn dan is-sors (ċirka sittax il-elf u tlett mitt Ewro (€16,300).

Illi fejn il-partijiet ma jaqblux ukoll huwa fir-rigward tal-fatt li l-attriċi tgħid illi hija ħadet magħha s-somma ta' Lm12,000 lira – kwazi tletin elf Ewro (€30,000) – meta żżewġet u apparti Lm500 dawn kollha ntużaw biex il-konvenut jixtri karozza u vann u biex jirranġa l-gaġeġ u mħażen. Il-konvenut jammetti li tagħtu biss Lm3,400. Il-Qorti jidhrilha li l-attrici hija aktar affidabbli fuq dan ir-rigward iżda peress li l-vetturi ntużaw għall-benefiċċju tagħha wkoll se tnaqqas is-somma pagabbli lilha għal tmintax-il elf Ewro (€18,000).

**B' kollox għalhekk il-Qorti se tordna li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' sebgħa u sebgħin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€77,762.78).**

**Beni mobbli:**

Vetturi – Il-vetturi u nġenji għandhom jiġu assenjati lill-konvenut in vista ta' dak li ġja' ssemma.

Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entitajiet varji naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendi kif għandhom jinqasmu ukoll fl-istess miżura l-flus depożitati l-Qorti.

Illi kwantu għat-talbiet l-oħra, l-Qorti jidhrilha li ma hemmx lok li tilqa' s-sitt talba peress li l-attriċi qed toqgħod f'post mikri u tista' wara li tiġi esegwita din is-sentenza ikollha post fejn toqgħod għaliha u s-seba' talba hija nkluża fil-mod kif il-Qorti qieset ir-raba' talba.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipalment tal-konvenut u tawtorizża lill-partijiet jgħixu separatament;**
**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba billi t-tifel issa huwa maġġorenni;**

**3. Tordna lill-konvenut jivversa lill-attriċi manteniment għaliha ta' tlett mija u ħamsin Ewro fix-xahar;**
**4. Tilqa' r-raba' talba, u fir-rigward tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attriċi nofs il-kontijiet bankarji kollha f'isem il-partijiet separatment jew f'isimhom waħedhom, u nofs il-flus kollha depożitati l-Qorti; lill-konvenut in-nofs l-istess kontijiet bankarji u flus depożitati l-Qorti kif ukoll il-vetturi u nġenji reġistrati f'ismu; il-konvenut huwa kkundannat iħallas lill-attriċi għal darba waħda s-somma fuq imsemmija ta' sebgħa u sebgħin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€77,762.78), parti bħala ekwiparazzjoni u parti kif spjegat u msemmi;**
**5. Tilqa l-ħames talba;**
**6. Tiċħad is-sitt talba billi ma hemmx lokha;**
**7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba peress li l-attriċi ġja' qed tiġi kumpensata *tramite* r-raba' talba;**
**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------